

# Is-Sett tal-Qniepen tal-Parroċċa
# JAGĦLAQ 20 SENA
## (1992 - 2012)



Kien ilu snin twal iberren il-ħsieb li xi darba jinbidel is-sett tal-Qniepen il-qodma (sett ta' 4, maħdumin fl-1881 f'Bormla, fil-funderija ta' Ġulju Cauchi, ikkummissjunati mill-Viċendarju ta' Kerċem, Dun Ġużepp Vella) ma' sett ġdid, ikbar u iktar armonjuż. Saħansitra fi żmien il-parrokat tal-Kappillan Dun Mikelanġ Grima (fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin) kien nibet moviment favur dan il-proġett, li iżda baqa fuq l-ixkaffa għal madwar erbgħin sena oħra.

Fil-qniepen (il-qodma) dehru xi ħsarat li wara konsultazzjonijiet ma' esperti, irriżultaw irreparabbli. Kienu saru xi kuntatti ma' ditti rinomati u ntalbu wkoll xi stimi. Kien propju fil-Quddiesa ta' Nofs-il-lejl ta' lejlet il-Milied tas-sena 1991 meta l-Kappillan il-Kan. Dun Franġisk Debrincat ħabbar uffiċċjalment il-proġett ambizzjuż ta' 5 Qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan xegħel fervur sħiħ fost il-Parruċċani li fi żmien qasir ikkontribwew finanzjarjament bis-sħiħ biex








dan il-proġett effettivament ikun jista jinbeda. L-istess Kappillan Debrincat kien issottometta ruħu li jħallas it-tieni qanpiena, filwaqt li l-Kleru parrokkjali kien offra li jħallas il-qanpiena ż-żgħira.

L-għażla tad-ditta waqgħet fuq il-Funderija 'Achille Mazzola', ta' Valduggia f'Vercelli fl-Italja, waħda mill-aktar antiki fl-Ewropa (1408), rappreżentata f'pajjiżna mis-Sur Alfred Zahra ta' E.Theuma & Co. Ltd. Il-kuntratt sar fit-28 ta' Jannar 1992, fi żmien ftit aktar minn xahar mit-tħabbira tal-istess proġett!

Il-fundazzjoni tal-qniepen seħħet fil-funderija ta' 'Achille Mazzola' nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 1992. Dak inhar fil-Knisja Parrokkjali inżammet l-Adorazzjoni biex kollox imur sew. Il-Kappillan Debrincat, akkumpanjat minn Joseph Aqulina (minn Victoria) kien mistieden iżur il-funderija ħa jara b'għajnejh ix-xogħol li kien wasal fi tmiemu fuq il-5 qniepen il-ġodda.

Il-Qniepen tgħabbew fuq il-vapur tal-merkanzija 'Pinto' li jtajjar bandiera maltija u waslu Malta nhar it-8 ta' Lulju 1992 u Għawdex jumejn wara, permezz tal-vapur tal-Gozo Channel 'Għawdex' mgħobbija fuq trakk kbir tal-kumpanija 'Joseph Caruana & Sons Ltd' (tal-Billi). Ġew milqugħa b'entużjażmu kbir minn numru ta' Kerċmin fil-port tal-Imġarr u twasslu sar-raħal b'*carcade* twil fejn sabu jistennewhom mijiet oħra ta' Kerċmin fuq iz-zuntier tal-Knisja u fil-Pjazza biex jassistu għat-tqiegħid tagħhom fuq strutturi mibnija apposta bil-ġebel minn Emanuel Grech (tas-Sarell) fejn kellhom jibqgħu imdendla sal-festa tat-tberik tagħhom li kellha ssir aktar tard.

Sadanitant xi tokki tal-qniepen instemgħu għall-ewwel darba waqt il-ġranet tal-festa tal-Madonna tas-Sokkors ta' dik l-istess sena. Dritt wara l-festa l-qniepen il-qodma bdew jiġi mneħħija mill-kampnari biex iċedu posthom għas-sett il-ġdid. Anke din l-operazzjoni ġiet afdata fl-idejn abbli tal-imgħallem bennej is-Sur Emmanuel Grech.

Intant biet tiġi mħejjija ċ-ċelebrazzjoni tat-Tberik tal-Qniepen il-ġodda li

*ikompli f'paġna 53*







*ikompli minn paġna 49*

saret nhar il-Ħadd 16 ta' Awwissu 1992 fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja. Iċ-Ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti f'Pontifikal Solenni 'mmexxi mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi li wara l-Omelija ġie mwassal fuq iz-zuntier tal-Knisja fejn bierek il-qniepen il-ġodda u daqq l-ewwel tokki uffiċċjali fost il-ferħ ta' dawk kollha preżenti. Din iċ-ċelebrazzjoni saret taħt il-patroċinju tal-għola awtorità ċivili ta' dak iż-żmien, il-President tar-Repubblika Dr Ċensu Tabone. Wara ħadet sehem ukoll il-Banda Mnarja tan-Nadur li għamlet Marċ tal-okkażjoni.

Il-Qniepen il-ġodda huwa stmat li kienu ġew jiswew madwar Lm30,000 jew €70,000, spiża mhix żgħira għal dawk iż-żminijiet li lkoll inġabru mill-ġenerożita kbira tal-poplu ta' Kerċem.

Il-Qniepen huma iddedikati hekk: iż-żgħira lil San Pawl u tiżen 130 kilo, it-tieni waħda lil San Franġisk u tiżen 254 kilo, it-tielet lil San Ġużepp u tiżen 563 kilo, ir-raba' lil San Girgor il-Kbir u tiżen 954 kilo u l-kbira lil Madonna tas-Sokkors u tiżen 2000 kilo. Fuq kull qanpiena mad-dawra t'isfel hemm miktub: "F'għeluq id-19-il sena tal-parrokat tal-Kappillan il-Kan Dun Franġisk Debrincat, kif ukoll fuq: *Achille Mazzola Fuse, Valuggia Vercelli*.

Ix-xogħol tat-tlugħ u t-tqiegħid f'posthom tal-Qniepen il-ġodda beda nhar it-28 ta' Settembru 1992 u baqa sejjer sat-30 tal-istess xahar u tmexxa wkoll mis-Sur Emmanuel Grech flimkien mal-ħaddiema tiegħu u diversi voluntiera. Dak inhar stess filgħaxija għall-ewwel darba minn ġol-kampnari, indaqqet mota solenni twila bis-sett il-ġdid li dwiet mar-raħal kollu u ferrħet lil parruċċani kollha kburin bis-sett ġdid ta' qniepen li minn dak inhar il-quddiem kellhom iżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħhom bin-noti ħelwin tagħhom mhux biss fil-festi prinċipali tal-kalendarju liturġiku imma wkoll matul is-sena kollha kull meta jsejħulna biex ninġabru flimkien bħala komunità waħda għall-laqgħa tagħna mal-Mulej fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.